# RIŻORSA 9

**Xi jfisser li tkun Turko-Norveġiż**

***Nefise Özkal Lorentzen***, li twieldet f'Ankara, hija kittieba, direttur tal-films, produttur u ġurnalista Turko-Norveġiża li tgħix f'Oslo. Hija pproduċiet tmien dokumentarji dwar diversi temi kontroversjali, ippubblikat ktieb tal-poeżiji u novella għaż-żgħażagħ. Hija wkoll koawtriċi ta' ktieb għall-iskola Norveġiż dwar it-tagħlim tat-Tork. Fil-ħidma tagħha, tittama li l-istejjer li qatt ma jkunu ġew rakkontati ġġibhom viżibbli. Hija temmen li l-bidla tibda miż-żgħażagħ. Din il-konvinzjoni wasslitha biex tagħmel serje għat-tfal dwar id-diversità għat-televiżjoni Norveġiża.




- "L-identità tiegħi ċara għalija: jiena mill-Ewropa u mill-Asja u mil-Lvant Nofsani, iżda m'għandi bżonn nagħżel u niddefinixxi lili nnifsi bl-ebda mod."
- "Jiena ma nemminx fl-għeruq. Is-siġar biss ikollhom l-għeruq. Jiena niċċaqlaq."
- "Jiena naħseb li l-istorja hija xi ħaġa li tiċċaqlaq, u naħseb li aħna noħolqu wkoll l-istorja tagħna nfusna."

*Sors: Migrants moving history*

**Ġermaniż f'Varsavja**

***Steffen Möller*** huwa komiku, attur u kittieb, imwieled il-Ġermanja, li jgħix u jirreċta l-aktar fil-Polonja. Huwa ħadem bħala għalliem tal-Ġermaniż fil-Polonja għal diversi snin qabel rebaħ it-tieni premju fil-konkors Pollakk għall-komiċi, PAKA. Dan wittielu t-triq biex isir stilla tat-televiżjoni fil-Polonja. Fl-2005, huwa kiteb l-ewwel ktieb tiegħu, Polska da sie lubić, ippubblikat bil-Ġermaniż bħala Viva Polonia – als deutscher Gastarbeiter in Polen (Viva l-Polonja – bħala ħaddiem barrani Ġermaniż fil-Polonja). Il-ktieb wera perspettiva personali ħafna dwar il-Polonja u l-mentalità Pollakka.
Fil-Ġermanja, laħaq l-ogħla postijiet tal-klassifika tal-kotba mibjugħin.




- "Jien twelidt Ġermaniż, iżda b'xi mod għandi ruħ Pollakka ."
- "Il-Pollakki kuntenti li ġie xi ħadd mill-Ġermanja tal-Punent: Ara, anke aħna sirna pajjiż fejn jimmigraw ħaddiema barranin Ġermaniżi!"
- "Illum, jiena ngħix bejn żewġ realtajiet. Dari hi l-Eurocity bejn Berlin u Varsavja."

*Sors: Migrants moving history*